MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2157/2002

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rappresentanti tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office Plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Neville Mifsud u b'digriet tat-Tribunal tad-29 ta' April 2003, it-Tribunal jawtorizza l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza u kull fejn tirrikorri fis-sens illi ghandhom jizdiedu l-kliem u l-istess Neville Mifsud**

**vs**

**Stefania Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm474.89) rappresentanti danni sofferti f'incident stradali

li sehh f'San Giljan nhar il-4 ta' Lulju 2001 meta waqt li l-konvenuta kienet qieghda isuq il-vettura bin-numru STF073, habtet mal-vettura JGY080 misjuqa minn John Chetcuti ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenuta u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta pprezentata fis-26 ta' Settembru 2002, fejn hija ecceppiet illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort ta' John Chetcuti, minhabba imperizja, traskuragini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' John Chetcuti, PS547 Martin Agius, Mark Asciak u tal-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti konsistenti fir-*road accident report* u l-iskizz tal-habta flimkien mas-*survey report* u ricevuti ohra in konnessjoni mad-danni subiti fil-vettura ta'l-attur.

Ikkunsidra,

Illi l-incident stradali mertu tal-kawza sehh fit-telgha li tiehu mill-bajja tas-Spinola f'San Giljan lejn Triq Regjonali, u cioe' fi Triq Mikelang Borg. Il-kollizzjoni sehhet vicin dik il-parti fejn it-triq tinqasam fi tnejn, parti li tiehu dritt lejn Triq Regjonali u parti li tiehu lejn The Village.

Iz-zewg sewwieqa kienu bi hsiebhom imorru fid-direzzjoni lejn The Village, u fil-mument qabel l-impatt huma kienu qed isuqu wara xulxin, bil-vettura tal-konvenuta qed tinsaq quddiem u dik misjuqa minn John Chetcuti ezattament warajha.

Illi mil-verzjoni moghtija minn John Chetcuti, jirrizulta illi hekk kif huwa wasal vicin dik il-parti fejn it-triq tinqsam, huwa xeghel l-*indicator* sabiex jindika illi kien bi hsiebu jaqbad it-triq li tiehu lejn The Village. Hekk kif kien ser jaqbad din it-triq huwa jallega illi l-konvenuta li kienet ser taqbad it-telgha li tiehu lejn Regional Road, kissret il-vettura taghha u baqghet diehla fih. Huwa fil-fatt jahseb illi l-konvenuta kienet ser taghmel U-Turn peress illi hija daret ghal fuqu.

Min-naha taghha, l-konvenuta taghti verzjoni kemmxejn differenti, anke minn dik moghtija lis-surgent Agius dak in-nhar ta'l-incident, meta tghid illi hija kient bi hsiebha taqbad ukoll it-triq li tiehu lejn the Village, meta f'daqqa wahda il-vettura misjuqa minn John Chetcuti li kienet gejja minn warajha habtet fl-genb tal-vattura taghha n-naha tas-sewwieq. Hija ma taghtix spjegazzjoni 'il ghala dan sehh. Lanqas tiftakar jekk kenitx xeghlet l-*indicator* sabiex tindika lill-vetturi li kienu gejjien minn warajha x'kien bi hsiebha taghmel u lanqas tiftakar jekk qabel l-impatt kenitx rat il-vettura misjuqa minn Chetuti. Fuq kollox l-Artikolu 76 tal-Highway Code ighid: "*before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*."

Jidher ghalhekk illi l-kawza prossima ta'l-incident stradali mertu ta' din il-kawza, kienet il-manuvra maghmula mill-konvenuta meta hija giet biex taqbad it-triq li tiehu lejn The Village. Hija zgwidat lis-sewwieq li kien gej minn warajha, meta ma tatx sinjali cari u inekwivoci ta' dak li kienet bi hsiebha taghmel bil-konsegwenza illi s-sewwieq li kien gej minn warajha ma irrealizzax bil-manuvra li kien bi hsiebha taghmel, tant illi huwa haseb illi kienet ser taghmel U-Turn.

Illi l-iskizz u ir-rapport redatt mis-surgent tal-Pulizija ma ihalliex dubbju rigward min mis-sewwieqa kien jahti ghal dan l-incident. L-iskizz jindika illi l-vettura misjuqa mill-konvenuta qieghda tikser ghal gol-vettura misjuqa minn Chetcuti li jidher li kien diga qabad trieqtu. Inoltre il-verzjoni moghtija mill-konvenuta fl-istess rapport tindika

dak li x'aktarx gara u cioe' illi hekk kif giet sabiex taqbad it-telgha li tiehu lejn Triq Regjonali, irrealizzat illi qabbdet triq hazina u kissret f'salt sabiex taqbad dik it-triq fejn kienet bi hsiebha tmur minghajr ma hadet l-ebda prekawzzjoni biex b'hekk sabet il-vettura misjuq minn Chetcuti ma' wiccha.

Illi rigward il-*quantum* tad-danni ma jidhirx illi saret xi kontestazzjoni dwar l-istess ghalkemm fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 2003, l-konvenuta iddikjarat illi qed tikkontesta d-danni. Inoltre eccezzjoni formali f'dan is-sens lanqas ma jirrizulta illi hemm u kwindi it-Tribunal ser jistrieh fuq id-dokumenti esebieti minn Mark Asciak bhala rappresentant tas-socjeta attrici u cioe' id-Dokumenti MA1 sa MA9.

Illi ghalhekk it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza, u filwaqt illi ighaddi sabiex jichad l-eccezzjoni sollevata minnha jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici nomine et. s-somma ta' erba' mija u erbgha u sebghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm474.89), bl-imgahxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------